minn Tonio Farrugia

## Kampjonat 1958-59

# Hamrun Spartans jagħtu l-ewwel telfa lil Valletta

### Il-Ħames Ġurnata

**30-11-1958:**
**Floriana FC – Rabat FC 2-1**
**H.T 2-0**
**Skurjaw: P. Demanuele (F) 15' u 27' u V. Aquilina (R) 57'**
**Referee: John Ellison.**
**Att: 4,476**

*Floriana FC*: Freddie 'Il-Pampalun' Mizzi, Lolly Debattista, Charlie 'In-Nossa' Brincat, Pullu Mousu, Fred Barry, Freddie Vella James, Żarenu Alamango, Twanny Sultana, Tony 'Majsi' Cauchi, Lolly Borg, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

*Rabat FC*: Anthony Micallef, Johnnie Calleja, Frank Camenzuli, Anthony 'Il-Legdi' Azzopardi, Frank Montebello, Charlie Theuma, John Gregory, Twanny 'Tal-Manager' Vassallo, Pawlu 'Il-Fulier' Said, Johnnie 'Iz-Zikzokk' Azzopardi, Victor Aquilina.

1. L-istess kif għamlu Sliema Wanderers qabilhom, anke Rabat FC ipprotestaw quddiem l-MFA kontra r-riżultat tal-partita minħabba li l-player Fred Barry ma kienx eliġibbli biex jilgħab. Madankollu l-protest tagħhom ma ġiex milqugħ Mill-Competition Disputes Committee meta dan il-Kumitat fit-22 ta' Jannar 1959 kien ħabbar li Rabat FC bi żball niżżlu li Barry irċieva l-flus fl-istaġun 1956-57 minflok 1957-58. Rabat kienu appellaw minn din id-deċiżjoni, bl-appell jiġi deċiż kontra tagħhom eżatt fi tmiem il-kampjonat meta Rabat kienu fil-bżonn tal-punti biex ma jiġux relegati.

2. Il-Bord tad-Dixxiplina tal-MFA kien ċanfar lil Pawlu Said ta' Rabat FC u mmultah nofs lira wara li ntsab ħati li waqt din il-partita beda jaħli l-ħin.

**06-12-1958:**
**Hibernians FC – Birkirkara FC 3-1**
**H.T 0-0**
**Skurjaw: T. Caruana (B) 49' u C. Schembri (H) 60', 62' u 89'.**
**Referee: Charles Frendo.**
**Att: 1,650**

*Hibernians FC:* Edwin Gili, Sunny Anastasi, Louis Theobald, Jimmy Mizzi, Leli 'L-Għawdxi' Attard, Joe 'Puskas' Muscat, Fredu Church, Leli Sultana, Charlie 'Il-Kinnie' Schembri, Frans 'In-Nagħġa' Xuereb, Paul Nelson.

*Birkirkara FC*: Lolly Rizzo, Frans Cassar, John Gatt, Louis Bugeja, George Dalli, Lolly Borg, Emmanuel Theuma, Nenu Chircop, Toni Caruana, Ġużi 'Il-Gross' Pisani, Pawlu 'Polly' Carbonaro.

**07-12-1958:**
**Valletta FC – Rabat FC 0-0**
**Referee: Turu Lentini.**
**Att: 5,225**

*Valletta FC*: Johnnie Formosa, Walter Bone, Edwin 'Dwinu' Zammit, Jackie Grech, Joe 'Il-Parsottu' Cilia, Johnnie Darmanin, Joe 'Il-Ginger' Zammit, Josie Urpani, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Frankie Zammit, Silvio Rapinett.

*Rabat FC*: Anthony Micallef, Johnnie Calleja, Frank Camenzuli, Tony 'Il-Legdi' Azzopardi, Frank Montebello, Charlie Theuma, Pawlu 'Ta' L-Imtarfa' Vassallo, Johnnie 'Iz-Zikzokk' Azzopardi, Pawlu 'Il-Fulier' Said, Charlie 'In-Najsu' Bennetti, Victor Aquilina.

1. Fit-30 minuta l-player Nenu Mackay ta' Valletta kellu penalty salvat minn Ninu Micallef.

**13-12-1958:**
**Sliema Wdrs FC – Birkirkara FC 3-1**
**H.T 1-0**
**Skurjaw: R. Edwards (S) pen. 15', J. Xuereb (S) 59', T. Caruana (B) 83' u J. Xuereb (S) 90'.**
**Referee: Carmel Galea.**
**Att: 1,982**

*Sliema Wdrs FC*: Victor Scerri, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Alex Gollcher, Alfred Dayney, Salvu Bonnici, Ray Edwards, Maurice Walsh, Robbie Buttigieg, Joe 'Jockey' Xuereb, Alfred Parnis, Sammy Nicholl.

*Birkirkara FC:* Lolly Rizzo, Frans Cassar, Johnnie Gatt, Norman Bell, George Dalli, Lolly Borg, Frans 'Il-Lula' Bonnici, Louis Bugeja, Toni Caruana, Ġużi 'Il-Gross' Pisani, Nenu Chircop.

1. B'din ir-rebħa Sliema Wanderers kisbu d-dritt li jilagħbu fit-Tourney tal-Milied meta telgħu fir-raba' post tal-klassifika.

*Klassifika*: (Birkirkara FC u Rabat FC lagħbu partita iktar, Marsa FC, Sliema Wdrs. FC, Floriana FC u Ħamrun Sp. FC lagħbu partita inqas) - Valletta FC 8 pti.; Sliema Wdrs FC 6 pti.; Floriana FC u Marsa FC 5 pti.; Birkirkara FC u Hibernians FC 4 pti.; Ħamrun Sp. FC u Rabat FC 3 pti.

*L-Aqwa Skorers*: F. Abela (Marsa FC) 5 goals; T. Caruana (Birkirkara FC) u C. Schembri (Hibernians FC) 3 goals.

### Is-Sitt Ġurnata

**14-12-1958:**
**Marsa FC – Hibernians FC 0-0**
**Referee: Charles Frendo**
**Att: 3,825**

*Marsa FC:* Ġużi Alamango, Harold Henwood, Ernie Glynn, Carmel 'Swany' Attard, Nenu Fabri, Neriku Buttigieg, Ġużi 'Ir-Rumba' Dimech, Martin Attard, Freddie 'L-Isteak Abela, Fredu Cauchi, Pawlu Attard.

*Hibernians FC*: Nenu Bugeja, Colin Tabone, Louis Theobald, Jimmy Mizzi, Leli 'L-Għawdxi' Attard, Sunny Anastasi, Joe Ebejer, Freddie Church, Charlie 'Il-Kinnie' Schembri, Leli Sultana, Paul Nelson.

1. Marsa kienu qed jilagħbu mingħajr Franz Borg li kien imweġġa'.

2. Il-partita ntlagħbet f'riħ qawwi li għamlet il-kontroll tal-ballun diffiċli.

**20-12-1958:**
**Ħamrun Sp. FC – Floriana FC 3-2**
**H.T 1-2**
**Skurjaw: T. Cassar (Ħ) 16', L. Borg (F) 30' u 41', T. Cassar (Ħ) 60' u B. Calleja (Ħ) 80'.**
**Referee: Joseph Borg.**
**Att: 4,207**

*Ħamrun Sp. FC*: Ronnie Farrugia, Freddie Falzon, Freddie 'Ix-Xibby' Sciberras, Armando Drago, Louis Bonello, Effie Borg, Pawlu Buttigieg, Bertu Calleja, Carmelo 'In-Nene' Grech, Ġużi Falzon, Twanny 'Il-Ginger' Cassar.

*Floriana FC:* Freddie 'Il-Pampalun' Mizzi, Lolly Debattista, Charlie 'In-Nossa' Brincat, Eddie Bonnett, Fred Barry, Freddie Vella James, Żarenu Alamango, Twanny Sultana, Billy Dalli, Lolly Borg, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

1. Wara disa' minuti logħob Floriana tilfu penalty u lill-attakkant tagħhom Billy Dalli. L-attakkant Furjaniż ġie mwaqqa' mill-goalkeeper debuttant Ronnie Farrugia u kellu jħalli l-ground imweġġa' filwaqt li mill-penalty Żarenu Alamango xxuttja ċentrali f'idejn Farrugia. Billy Dalli kien qed jirritorna fit-team ta' Floriana wara li kienu ilu ħames ġimgħat nieqes jirkupra minn injury f'irkopptu.

2. Ħamrun Spartans ittrasferew lil Kelinu Camilleri 'Tal-Bandieri' lill-club tat-Tieni Diviżjoni Żebbuġ Rangers għal £57.

3. Il-goalkeeper ta' Floriana Freddie Mizzi ġie mċanfar u mmultat £1 mill-Bord tad-Dixxiplina tal-MFA wara li nstab ħati li argumenta mal-linesman.

**21-12-1958:**
**Sliema Wdrs FC – Marsa FC 3-1**
**H.T 2-0**
**Skurjaw: J. Xuereb (S) 34', R. Edwards (S) 44', M. Walsh (S) 68' u P. Attard (M) 82'**
**Referee: Carmel Galea.**
**Att: 6,326**

*Sliema Wdrs FC*: Victor Scerri, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Alex Gollcher, Alfred Dayney, Salvu Bonnici, Salvinu Schembri, Maurice Walsh, Robbie Buttigieg, Joe 'Jockey' Xuereb, Ray Edwards, Alfred Parnis.

*Marsa FC*: Ġużi Alamango, Harold Henwood, Ernie Glynn, Nenu Fabri, Franz Borg, Salvu Alamango, Ġużi 'Ir-Rumba' Dimech, Martin Attard, Fredu 'Steak' Abela, Freddie Cauchi, Pawlu Attard.

1. Marsa FC kienu qed jilagħbu mingħajr il-wing halves tagħhom Buttigieg u Attard u f'formazzjoni ta' emerġenza kellhom isejħu lura lill-goalkeeper regolari tagħhom Salvu Alamango biex jilgħab fil-pożizzjoni ta' left half. Salvu Alamango f'dawn l-aħħar partiti ma kienx qed jilgħab minħabba li kien weġġa' l-polz fir-rebħa ta' 2-1 kontra Floriana.

**10-01-1959:**
**Ħamrun Sp. FC – Valletta FC 2-0**
**H.T 1-0**
**Skorja: T. Cassar (H) 25' u 65'.**
**Referee: Joseph Borg**
**Att: 7,194**

*Ħamrun Sp. FC*: Johnnie Chetcuti, Alfred Falzon, Freddie 'Ix-Xibby' Sciberras, Armando Drago, Louis Bonello, Effie Borg, Pawlu Buttigieg, Albert Calleja, Carmelo 'In-Nene' Grech, Freddie 'It-Tirjule' Borg, Twanny 'Il-Ginger' Cassar.

*Valletta FC*: Albert 'Tas-Sorry' Zarb Cousin, Walter Bone, Edwin 'Dwinu' Schembri, Jackie Grech, Joe Cilia, Johnnie Darmanin, Sunny Curmi, Josie Urpani, Tommy Taylor, Frankie Zammit, Alfred 'Il-Waniż' Borg.

1. Wara li taw l-ewwel telfa lil Marsa fl-aħħar ħarġa tagħhom, issa kien imiss lil Valletta li huma wkoll jieħdu l-ewwel telfa tal-kampjonat kontta Ħamrun Spartans.

2. Ma' Valletta iddebutta l-goalkeeper ta' fama Tommy Taylor ..... fil-pożizzjoni ta' centre-forward. Taylor kien il-goalkeeper internazzjonali ta' Waterford FC u tal-Irlanda. Huwa kien iffirma ma' Valletta fit-28 ta' Novembru, 1958, wara li kien fuq xogħol f'Malta jieħu ħsieb il-Harbour Development Scheme. Fl-Irlanda huwa kien baqa' msemmi għall-goal tar-rebħa li kien skorja fl-Irish Shield Final b'xutt dirett minn goal-kick megħjun minn riħ qawwi.

Kien minħabba li l-goalkeeper regolari Zarb Cousin kien irritorna mill-"qamar il-għasel" u anke kien qed jaqdi dmiru tajjeb bejn il-lasti Beltin li Tommy Taylor daħal fit-team Belti bħala centre-forward. Fil-fatt Taylor kien diġà ddebutta ma' Valletta f'din il-pożizzjoni waqt it-Tourney tal-Milied meta lagħab fl-attakk Belti kemm fir-rebħa ta' 1-0 kontra Bank Ostrava fil-ġurnata tal-Milied, 1958, u anke fid-draw ta' 2-2 kontra t-team Ġerman SFV Furth fit-3 ta' Jannar 1959.

3. Kien hemm xnigħat persistenti li l-Ispartans kienu ser jilagħbu bejn il-lasti lill-ex goalkeeper tagħhom Ġużi Scifo li kien jinsab Malta. Madankollu l-Ispartans sabu problema biex jirreġistrawh meta nstab li, l-Form K li kellu meta kien il-goalkeeper ta' St Andrew's qabel telaq minn Malta fl-1949, kienet għadha valida.

*Klassifika:* (Sliema Wdrs. FC u Floriana FC lagħbu partita inqas) - Valletta FC u Sliema Wdrs FC 8 pti.; Ħamrun Sp. FC 7 pti.; Marsa 6 pti.; Floriana FC u Hibernians FC 5 pti.; Birkirkara FC 4 pti.; Rabat FC 3 pti.

*L-Aqwa Skorers*: F. Abela (Marsa FC) u T. Cassar (Ħamrun Sp. FC) 5 goals; J. Xuereb (Sliema Wdrs FC), T. Caruana (Birkirkara FC), L. Borg (Floriana FC) u C. Schembri (Hibernians FC) 3 goals.

# Aħbarijiet

Fit- 2 ta' Diċembru, 1958, Rabat FC ħabbru li mmultaw lill-players tagħhom Ernest Chappell u Ruġġieru Spiteri s-somma ta' £15 kull wieħed wara li dawn kellhom xi jgħidu mal-Kumitat wara li ġew dixxiplinati u minbarra hekk lagħbu ma' clubs oħra li ma kienux affiljati fl-MFA. Ruġġieru Spiteri wieġeb li hu ġie mmultat £15 talli lagħab 15-il partita ma' team ta' ħanut tat-tè minn Awwissu sa Ottubru 1958, meta players oħra ta' Rabat li wkoll lagħbu ma ġewx immultati. Barra minn hekk huwa qal li kien għadu ma rreġistrax ma' Rabat f'dan l-istaġun u għalhekk ma setax jiġi mmultat, bil-flus jitnaqqsulu minn ammont dovut lilu mill-istaġun ta' qabel.

Fis-6 ta' Diċembru, 1958, il-club George Cross Soccer Club ta' Melbourne avża li jinħtieġ players li jilagħbu fl-Ewwel Diviżjoni ta' Malta u li mhumiex miżżewġin u li lesti li jemigraw lejn l-Awstralja. Dawk magħżula kien ser jitnaqqsilhom il-passaġġ u l-akkomodazzjoni filwaqt li kienu ser jingħataw £100 hekk kif jiffirmaw mal-club Malti tal-Awstralja.

Sliema Wanderers u Floriana FC spiċċaw fi draw ta' 1-1 fil-Final tax-Scicluna Cup li ntlagħbet fit-8 ta' Diċembru 1958. Tony Cauchi kien fetaħ l-iskor għal Floriana fil-50 minuta filwaqt li Alfred Parnis kiseb id-draw għall-Wanderers fl-74 minuta. Peress li l-iskor baqa' l-istess anke wara l-ħin barrani kellha tintlagħab replay f'data li kien għad trid titħabbar. Sa issa Sliema Wanderers kienu rebħu dejjem huma dan it-Tazza – seba' darbiet b'kollox.

Fil-25 ta' Diċembru, 1958, ingħata bidu għat-Tourney tal-Milied meta Valletta għelbu lil Banik Ostrava taċ-Ċekoslovakkja 1-0 b'goal tad-debuttant Joe Zammit 'Il-Ginger'. Debuttant ieħor ma' Valletta kien il-goalkeeper Irlandiż Tommy Taylor li però lagħab fil-pożizzjoni ta' centre-forward. Kemm damu Malta Banik Ostrava għelbu lil Sliema Wanderers 3-2, ġew draw mat-team Ġermaniż SFV Furth 1-1, għelbu lil Floriana 3-2 u ġew draw mal-MFA XI 2-2. Fil-logħba kontra Floriana, Banik Ostrava b'sorpriża għalihom kellhom appoġġ qawwi fuq it-taraġ mill-partitarji Beltin. SFV Furth min-naħa tagħhom għelbu lil Marsa 4-0 u kisbu żewġ draws kontra Banik Ostrava (1-1) u Valletta FC (2-2).

Fid-29 ta' Diċembru, 1958, tħabbar li l-player Tony Cauchi ta' Floriana FC ġie sospiż xahrejn u mmultat nofs lira mill-Bord tad-Dixxiplina tal-MFA wara li ta daqqa bl-irkoppa lir-referee Charles Frendo waqt il-Final tax-Scicluna Cup kontra Sliema Wanderers fit-8 ta' Diċembru, 1958. Huwa kellu jitlef il-partiti kontra Ħamrun Sp. FC, Birkirkara FC, Hibernians FC u Valletta FC.

Waqt l-intervall tal-partita tat-Tourney tal-Milied bejn it-team magħżul Malti MFA XI u Banik Ostrava taċ-Ċekoslovakkja (2-2) tas- 6 ta' Jannar 1959, il-President tal-MFA is-Sur Lawrence Farrugia B.E.M ippreżenta miniature tal-Footballer of the Year lill-players Lolly Debattista, Tony Nicholl, Ġużi Bonnici u Joe Cilia li kienu rebħu dan l-unur prestiġjuż fis-snin ta' qabel.